

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

9.07.2007

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0986/2006, imressqa minn Theodoros Dalmaris, ta' nazjonalità Griega, dwar ksur fil-Greċja ta' dispożizzjonijiet tal-UE rigward kundizzjonijiet speċjali għall-awtorizzazzjoni ta' stabbilimenti involuti fil-bejgħ bl-ingrossa u d-distribuzzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għal numru ta' kumpaniji involuti illegalment fit-tqattigħ u l-qtugħ f'erba' partijiet tal-laħam kemm fis-suq ċentrali tal-laħam f'Ateni, kif ukoll numru ta' swieq tal-laħam oħrajn fil-Greċja, billi jisħaq li l-metodi tal-operat tagħhom jikkostitwixxu ksur skandaluż tal-leġislazzjoni rilevanti. F'dan ir-rigward huwa jirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 92/120/KEE dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' derogi temporanji u limitati minn regoli tas-saħħa Komunitarji speċifiċi dwar il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali, id-Direttiva tal-Kunsill 91/497/KEE li temenda u tikkonsolida d-Direttiva 64/433/KEE dwar problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju tal-laħam frisk biex dan jiġi estiż għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 1996 li tistipula kundizzjonijiet speċjali għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti li jinsabu fi swieq ta' bejgħ bl-ingrossa. Il-petizzjonant jindika li l-kumpaniji konċernati joperaw bi spiża inqas u huma kapaċi jbigħu l-prodotti tagħhom bi prezz irħas, li jirriżulta fil-qerda tal-kompetizzjoni. Peress li l-ispezzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Ikel u Veterinarju fis-suq ċentrali tal-laħam f'Ateni u l-biċċerija ta' Preveza fl-2002 naqsu milli jtejbu l-affarijiet, u peress li l-istandards preżenti tas-saħħa u tat-tħaddim jikkostitwixxu periklu serju għas-saħħa pubblika, il-petizzjonant qed jitlob li tittieħed azzjoni mill-Parlament Ewropew.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-23 ta' April 2007. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 192(4) tar-Regoli ta' Proċedura)

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-9 ta' Lulju 2007.

Is-servizzi tal-Kummissjoni irċevew ittra identika għal dik li hija s-suġġett ta' din il-petizzjoni, fil-forma ta' ilment. Dan l-ilment ġie rreġistrat uffiċjalment nhar it-28.02.2007, waqt li nfetħet proċedura ta' investigazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni. Il-persuna li qiegħda tressaq l-ilment ġiet mgħarrfa dwar din il-proċedura.

Waħda mill-azzjonijiet programmati mis-servizzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni msemmija fuq hija missjoni ta' spezzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni tal-Ikel u Veterinarju fil-Greċja bejn it-18 u d-29 ta' Ġunju 2007. Ir-riżultati u s-sejbiet ta' din l-ispezzjoni ser jiġu evalwati sussegwentement u jiġu kkunsidrati, fost elementi oħrajn, mis-servizzi li qed jindirizzaw l-ilment.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-20 ta' Frar 2009.**

Il-PE ġie infurmat darbtejn fi smiġħ orali fl-2007 u fl-2008 dwar sforzi biex tiġi sorveljata u mtejbja s-sitwazzjoni fil-Greċja.

Diversi spezzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju (servizz ta' spezzjoni tal-FVO tad-DĠ għas-Saħħa u l-Konsumatur) stabbilixxew li s-suq ta' Rentis f'Ateni ma kienx konformi mar-rekwiżiti Komunitarji tal-iġjene<sup>1</sup>, eż. impjanti tal-qtuġħ li qeġħdin joperaw illegalment, nuqqasijiet fl-istrutturi u fil-kundizzjonijiet tal-iġjene, inklużi l-kontaminazzjoni tal-laħam, in-nuqqas ta' kontroll u/jew ta' sanzjonijiet.

Minkejja l-ftehma inizjali tal-awtoritajiet Griegi għar-rikostruzzjoni tas-suq biex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti sa nofs is-sena 2005, is-suq għadu jopera.

Ħarġu żewġ ittri ta' qabel il-ksur (fid-29 ta' Settembru/fl-14 ta' Frar 2008).

F'ittra tal-31 ta' Marzu 2008 l-awtoritajiet Griegi ddikjaraw li 13-il stabbiliment ġdid ġie trasferit għall-post il-ġdid u ġie approvat skont ir-regoli Komunitarji tal-iġjene. Minbarra dan, 12-il stabbiliment ieħor kien mistenni jiġi trasferit għall-bini l-ġdid sal-aħħar ta' April 2008. Dawn kien għadhom iridu jiġu approvati. L-istabbilimenti li għad fadal li għadhom joperaw fil-bini l-qadim tas-suq ta' Rentis issodisfaw biss il-ħtiġijiet tal-ingrossa u kienu spezzjonati regolarment. Ittra tal-awtoritajiet Griegi tas-26 ta' Marzu 2008 li kienet tirrigwarda l-petizzjoni rrepetiet id-dikjarazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Spezzjoni oħra tal-FVO saret mill-31 ta' Marzu sad-9 ta' April 2008. Għal darba oħra ġie stabbilit li għalkemm kien sar fit progress, kien għad hemm bosta nuqqasijiet fir-rigward tar-regoli tal-iġjene fil-bini l-qadim u f'dak ġdid. It-tieni bini ġdid tlesta f'Marzu 2008. Għal darba oħra, ġew identifikati problemi fir-rigward tat-tqassim tal-post u tal-kundizzjonijiet tal-iġjene. Il-parti l-qadima tas-suq kienet għadha topera f'kundizzjonijiet li ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti tal-Iġjene fir-rigward tal-immaniġġar tal-laħam frisk. Il-FVO għamel bosta rakkomandazzjonijiet biex il-kontroll u l-infurzar iġenerali fil-Greċja jitjiebu u b'mod partikolari ħeġġeġ li tittieħed azzjoni fis-Suq ta' Rentis biex jiġu rranġati n-nuqqasijiet fl-istruttura, fit-tqassim, fil-manutenzjoni u r-rekwiżit tal-iġjene u fir-responsabilità tal-awtorità kompetenti.

Mill-1 sal-5 ta' Diċembru 2008 l-FVO wettaq awditjar ġenerali fil-Greċja li matulu l-grupp

---

<sup>1</sup> Regolamenti tal-iġjene Komunitarji (ie. ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 ) dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistipula regoli speċifiċi dwar ikel *li* joriġina mill-annimal u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 li jistipula regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti *li* joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, stabbilimenti li jippreparaw l-ikel).

tal-ispezzjoni indirizza wkoll il-kwistjonijiet relatati mas-Suq ta' Rentis. Is-sejbiet ta' din il-missjoni ta' spezzjoni tal-FVO se jkunu disponibbli dalwaqt fis-sit tal-web segwenti:

[http://ec.europa.eu/food/fvo/ir\\_search\\_en.cfm](http://ec.europa.eu/food/fvo/ir_search_en.cfm)

Matul iż-żjara tal-Kummissarju Vassiliou fil-Greċja, li saret bejn il-21 u l-25 ta' Novembru 2008, hi enfasizzat li hemm bżonn ta' reviżjoni totali u mingħajr dewmien tas-sistema ta' nfużar tal-Greċja biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini Griegi ma jkollhomx inqas protezzjoni miċ-ċittadini Ewropej l-oħra.

## **5. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' Jannar 2010**

Fl-10 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni bagħtet Ittra ta' Avviż Formali lill-awtoritajiet Griegi dwar il-kundizzjonijiet ta' iġjene u l-approvazzjoni ta' stabbilimenti fil-bini l-qadim tas-suq ta' Rentis.

Bħala sfond, għandu jiġi nmutat li mill-2002<sup>1</sup>, għadd ta' missjonijiet li saru mill-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju (FVO) identifikaw nuqqasijiet kbar u gravi fir-rigward ta' struttura, disinn, manutenzjoni, iġjene u superviżjoni uffiċjali fis-suq ta' Rentis.

Fil-qafas tal-missjonijiet ta' spezzjoni l-iktar reċenti tal-FVO li saru bejn il-31 ta' Marzu u t-8 ta' April u bejn it-23 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Griegi biex jieħdu l-passi neċessarji fir-rigward tas-suq ta' Rentis biex tinstab soluzzjoni għal dawn in-nuqqasijiet.

Tnieda programm għat-titjib u l-kostruzzjoni ta' bini ġdid, iżda għadu ma ġiex iffinalizzat. L-awtoritajiet Griegi infurmaw lill-Kummissjoni Ewropea li huma qed jistennew li s-sitwazzjoni titranġa bit-trasferiment tal-istabbilimenti li għad baqa' mill-bini l-qadim tas-suq ta' Rentis għall-bini l-ġdid tal-istess suq wara li jitlestew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Madankollu, għadha ma ġiet provduta l-ebda skeda speċifika.

Il-qagħda attwali tal-bini l-qadim tas-suq ta' Rentis hija ta' tħassib partikolari għall-Kummissjoni Ewropea.

Għalhekk, ir-Rapport tal-FVO dwar il-missjoni li twettqet bejn it-22 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju 2009, jinnota li 7 stabbilimenti għadhom joperaw f'waħda mill-binjiet il-qodma b'kundizzjonijiet ta' iġjene li mhumiex aċċettabbli għal-laħam frisk.

Barra minn hekk, l-istess Rapport jinnota wkoll li l-ebda wieħed mis-7 stabbilimenti fil-parti l-qadima tas-suq ta' Rentis mhux approvat jew irreġistrat individwalment, kif mitlub mill-leġislazzjoni tal-Komunità.

Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-awtoritajiet Griegi naqsu milli jissodisfaw ċerti obbligi li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet relatati ma' kontrolli uffiċjali u azzjoni li għandha

---

<sup>1</sup> Ir-Rapporti dwar il-missjonijiet ta' spezzjoni li saru mill-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju huma disponibbli fuq dan il-link:

[http://ec.europa.eu/information\\_society/eeurope/i2010/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/information_society/eeurope/i2010/index_en.htm)

tittieħed f'każ li ma jkunx hemm konformità, kif stipulat fir-Regolament (KE) 882/2004<sup>1</sup> *dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali* kif ukoll fir-Regolament (KE) 854/2004<sup>2</sup> *li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman.*

Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li r-Regolament (KE) 854/2004 jiffirma parti minn sett ġdid ta' regoli<sup>3</sup> li jamalgamaw, jarmonizzaw u jissimplifikaw rekwiżiti ta' iġjene ddettaljati u kumplessi li preċedentement kien hemm f'għadd ta' Direttivi tal-Kunsill, li jkopru l-iġjene ta' affarijiet tal-ikel u l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li ġejjin mill-annimali.

Fil-kuntest tal-iktar spezzjoni reċenti li saret bejn it-22 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-awtoritajiet Griegi biex jipprovdu listi ta' stabbilimenti kemm approvati u kemm mhumiex skont ir-Regolament (KE) 854/2004. Il-biċċerija ta' Preveza ma tidher fl-ebda waħda minn dawn il-listi. L-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju ma żarx il-biċċerija ta' Preveza waqt il-missjoni li ssemmiet hawn fuq.

Il-Kummissjoni Ewropea ser tikkuntattja lill-awtoritajiet Griegi biex tikseb informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni kurrenti marbuta mal-biċċerija ta' Preveza.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) 882/2004 *dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali*, ĠU L 165, 30.4.2004

<sup>2</sup> Regolament (KE) 854/2004 *li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman*, ĠU L 226, 25.6.2004,

<sup>3</sup> Tista' ssib referenzi għal Direttivi tal-Kunsill preċedenti f'dan l-indirizz:  
[http://ec.europa.eu/food/food/biosafety/hygienelegislation/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/food/food/biosafety/hygienelegislation/index_en.htm)